

31999D0495

L 192/56

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.7.1999

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-1 ta' Lulju 1999

li temenda d-Deċiżjoni 94/577/KE dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċertifikazzjonijiet veterinarji għall-importazzjoni ta' semen tal-bovini minn pajjiżi terzi

(innotifikata bid-dokument numru C(1999) 1775)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(1999/495/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE tal-14 ta' Ġunju 1988 li tistabilixxi r- rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-kummerċ fil-Komunità dwar importazzjoni ta' semen ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi tal-bovini⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 93/60/KEE⁽²⁾, u b' mod partikolari l-Artikoli 10 u 11 tagħha,

- (1) Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/577/KE⁽³⁾ tistabilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' semen tal-bovini minn pajjiżi terzi;
- (2) Billi l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 88/407/KEE jstipula li mill-1 ta' Jannar 1999 kummerċ fis-semen tal-barrin li jagħti reazzjoni pożittiva għat-test tan- newtralizzazzjoni tas-serum jew tat-test *Elisa* għar-*rhinotracheitis* infezzjuża tal-bovini *vulov-vaginitis/pustular* infezzjuża u li ma jkunx imlaqqam bi qbil ma' din id-Direttiva hu pprojbit;
- (3) Billi l-Artikolu 10(4) tad-Deċiżjoni 88/407/KEE jstipula li d- dispożizzjonijiet applikabbli għall-kummerċ fil-Komunità stabilixxa li l-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva għandhom japplikaw, *mutatis mutandis* għall-importazzjoni;
- (4) Billi ċ-ċertifikati stipulati f'Parti 1 tal-Annessi A, B, C u D għad- Deċiżjoni 94/577/KE suppost ikunu emendati sabiex jiċċaraw il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-importazzjoni;

- (5) Billi l-miżuri li għalihom hemm disposizzjoni f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID- DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Annessi A, B, C u D għad-Deċiżjoni 94/577/KE, Parti 1, punt 13(d)(ii) hu emendat kif ġej:

1. Fl-aħħar tat-tielet parti "jew" hi kkanċellata,
2. Ir- raba' parti hi kkanċellata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-1 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 194, tat-22.7.1988, p. 10.

⁽²⁾ ĠU L 186, tat-28.7.1993, p. 28.

⁽³⁾ ĠU L 221, tas-26.8.1994, p. 26.